MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1538/1995/1

**Saviour Farrugia, ufficjal inkarigat mis-Sezzjoni Arretrati ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta**

**vs**

**Corinne Paesano**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:-

Illi r-regolamenti vigenti u l-ftehim ta' kera u servizz ta' telephone bejn il-partijiet hawn anness a Dok. A, il-konvenuta ghandha taghti lill-attur nomine is-somma ta' lm1581.85 (elf hames mija u wiehed u tmenin lira maltin u hamsa u tmenin centezmi) dovuti in konnessjoni mas-servizz tat-telephone numru 370615;

Illi dan l-ammont jikkonsisti fil-kera ghas-servizz tat-telephone calls maghmula, kif ukoll fi spejjez ohra indikati fil-prospett dettaljat a Dokument B, u

Illi minkejja interpellata thallas il-kont, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tikkundannaha thallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm1581.85 dovuti bhala kera, servizz u spejjez ohra in konnessjoni mat-telephone numru 370651 skond il-prospett esebit Dokument B, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Marzu 1995 u bl-imghaxijiet kalkolati mill-kontijiet relattivi, kontra l-konvenuta li giet ingunat ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn gie eccepit :-

Preliminarjament li l-azzjoni hija preskritta ghat-tenur tal-artikolu 2148 f. tal-Kodici Civili;

Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal-premess jekk jirrizulta li hemm xi ammont dovut, dan huwa dovut mill-eredita ta' John C. Scicluna billi aktarx li fil-mument li sar l-allegat kont is-servizz kien jispetta lilu;

Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja l-ammont mitlub huwa ezagerat billi l-eccipjenti taf li saru pagamenti ta' mill-inqas Lm550 li ma gewx imnaqqsin mill-kont;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat is-sentenza taghha tas-27 ta' Gunju 1997 li biha giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mill-konvenuta;

Semghet il-partijiet u x-xhud prodott mill-atturi;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Jannar 2000;

Ikkonsidrat:

In vista tal-imsemmija sentenza tas-27 ta' Gunju 1997, li biha giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, jifdal biss li jigi deciz il-mertu. Mill-provi prodotti jirrizulta sufficjentement li t-talbiet attrici huma gustifikati. Mill-banda l-ohra jidher mid-dokument a fol.21 li hu ammess li l-ammont in kwestjoni hu dovut mill-konvenuta u jidher ukoll li gew ikkonsidrati il-pagamenti kollha li saru mill-konvenuta;

Ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu akkolti filwaqt li l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuta jimmeritaw li jigu respinti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuta u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna l-konvenuta thallas lill-attur nomine s-somma ta' elf hames mija u wiehed u tmenin liri maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1581.85) dovuti bhala kera, servizz u spejjez ohra in konnessjoni mat-telephone numru 370651 u dana bl-imghaxxijiet legali mid-data tan-notifika tal-presenti citazzjoni lill-konvenuta sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenuta.

Imhallef

Kopja Informali ta' Sentenza

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------